MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 9(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, 12 ta' Lulju 2011, fil-5.00 p.m.

1. **<u>Preżenti</u>** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** John Restall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv Ġdid
6. Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni tat-Tender għat-Tindif u Attendenza fil-Latrini Pubbliċi
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 8(2011) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Dwar Para. 3.1 (disinn tal-karru ta' George Cutajar – Il-Parruċċan), il-Kunsill talab li s-Sur Cutajar inaqqas l-għoli tal-karru għal 2.5metru.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** L-Avvukat Ian Farrugia, għan-nom ta' Joe Schiavone li jiġġestixxi l-kjosk bl-isem "Harbour Lights", kiteb lill-Kunsill sabiex tiġi ċċarata l-kwistjoni ta' George Cutajar li jarma bil-ġelati biswit il-kjosk tas-Sur Schiavone. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob lill-Avv Luciano Busuttil biex iwieġeb din l-ittra u jinforma lill-Avv Farrugia li l-Kunsill mhuwiex l-awtorita' kompetenti li toħroġ liċenzji tal-bejjiegħa tas-suq u *Trading Licences.* Għalhekk, l-Avv Farrugia kellu jindirizza d-domandi tiegħu lid-Dipartiment tat-*Trade Licences.*

**4.3** Dwar it-talbiet tas-Sur Valmor Gera u s-Sur Raymond Cutajar sabiex jiġu skużati milli jarmaw posthom fis-suq ta' Marsaxlokk ta' nhar ta' Ħadd għal aktar minn sitt darbiet konsekuttivi, il-Kunsill qabel li jagħti l-kunsens tiegħu.

**5. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Is-Sindku ma kellu ebda kommunikazzjonijiet.

**6. <u>Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv Ġdid</u>**

**6.1** Il-Kunsill qabel li jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla li ssir talba sabiex is-Sur Duncan Hall jiġi maħtur is-Segretarju Eżekuttiv ġdid tal-Kunsill. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob kjarifika mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk is-Segretarju Eżekuttiv ġdid ikollux *Probation Period.*

**7. <u>Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni tat-Tender għat-Tindif u Attendenza fil-Latrini Pubbliċi</u>**

**7.1** Il-Kunsill kien rċieva erbgħa offerti għal dan il-kuntratt. Dawn kienu:

Saviour Mifsud - €14,900 fis-sena u ebda ħlas għal ftuħ wara l-ħinijiet
Marica Vassallo - €19,000 fis-sena u €6 fis-siegħa għal ftuħ wara l-ħinijiet
Anthony Camilleri - €17,000 fis-sena u €6 fis-siegħa għal ftuħ wara l-ħinijiet
Ricky Caruana - €8,000 fis-sena u €7 fis-siegħa għal ftuħ wara l-ħinijiet

Il-Kunsill approva unanimament li l-kuntratt jingħata lil Ricky Caruana peress li l-offerta tas-Sur Caruana kienet l-orħos waħda.

**8. <u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**8.1** Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 0711) li hi annessa ma' u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**9. <u>Affarijiet Oħra</u>**

**9.1** L-Avukat John Bonello kien fassal abbozzi ta' *Bye Laws* dwar Latrini Pubbliċi, Attivitajiet fil-Beraħ u *Remote Controlled Model Power Boats.* Wara li l-Kunsill iddiskuta dawn il-proposti, qabel li rigward il-ħlas għall-użu tal-latrini, il-prezz jitnaqqas minn €0.50 għal €0.35.

**9.2** Il-Kunsill iddeċieda li *Remote Controls* għall-ftuħ tal-*barrier* li jagħti aċċess għall-Pjazza jingħataw lil Everhard, Frankie Vella, ir-Rizzu, il-Każin Nazzjonalista, Hermann Schiavone, BOV, ix-Xlukkajr, Martin Zerafa, Ta' Victor, Phyllis Mangion, il-Kappillan (2), Kelina u Gajtana. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jordna ħames *remote controls* oħra. Għall-ewwel darba dawn kellhom jingħataw bla ħlas iżda jekk jintalbu *controls* ġodda minħabba telf jew raġunijiet oħra validi, kellu jsir ħlas ta' €35.

**9.3** Il-Viċi-Sindku, f'isem il-Kunsill, irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John Restall, ta' 'l fuq minn 16-il sena servizz lill-Kunsill u l-kommunita' kollha ta' Marsaxlokk. Matul dawn is-snin kienu kibru r-responsabilitajiet tal-Kunsill u d-dmirijiet tas-Segretarju Eżekuttiv u s-Segretarju Eżekuttiv kien dejjem qeda dawn id-dmirijiet b'mod professjonali u effiċjenti.

**10.** Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Stephen Caruana** | **John Restall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Data :** | |